**Mistoqsija prijoritarja għal tweġiba bil-miktub P-002974/2024**
**lill-Kummissjoni**
Artikolu 144 tar-Regoli ta' Proċedura
**Peter Agius (PPE)**

Suġġett: Dwar il-building codes (eurocodes) fil-qasam tal-Kostruzzjoni u mandat speċjali lil JRC biex jgħin fl-introduzzjoni tal-building codes f'Malta

F'Malta l-bini qed joqtol in-nies. Skont l-ESO qed imutu tliet darbiet aktar f'inċidenti mill-medja fl-Ewropa.

Irridu naġixxu biex nipproteġu s-saħħa ta' dawk li jaħdmu fil-kostruzzjoni, bħal ma kien Jean Paul Sofia, li ħalla ħajtu f'binja li waqgħet fuqu u fuq 5 oħra.

Hemm bżonn nipproteġu s-serħan il-moħħ tar-residenti biex ma jerġax jiġri li ġara lil Miriam Pace li waqgħet fuqha darha għax ta' ħdejha ħammel il-plot bla superviżjoni b'ħaddiem bla kwalifika.

L-adozzjoni tal-Building Codes Ewropej kif emendati reċentement hija intenzjonata li żżid is-sigurtà u tgħolli l-istandards. Iżda minkejja r-rakkomandazzjoniet Ewropej u minkejja l-40 rakkomandazzjoni għal riformi li saru f'inkjesta pubblika Sofia, f'Malta l-building codes baqgħu ma daħlux. Għadhom fil-pipeline. Skont stqarrijiet pubbliċi kienu lesti tliet snin ilu iżda baqgħu ma ġewx ipubblikati.

Nitlob lill-Kummissjoni telabora x'sar fuq livell Ewropew fuq dawn il-building codes.

1. Għaliex hemm numru ta' pajjiżi, fosthom Malta, fejn għadhom ma ġewx adottati bis-sħiħ u, partikolarment Malta, fejn dawn baqgħu ma daħlux?

2. X'inhi l-analiżi tal-Kummissjoni Ewropea fuq l-istat tal-affarijiet preżenti f'Malta u kif din tirrakkomanda li dawn jiġu indirizzati?

3. Il-Joint Research Centre (JRC) għandu l-missjoni li jappoġġja l-pajjiżi b'taħriġ u l-implimentazzjoni tal-building codes. Tista' l-Kummissjoni Ewropea tagħti mandat speċifiku lil JRC biex jeżamina aktar mill-qrib is-sitwazzjoni f'Malta?

Imressqa: 16.12.2024